**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 13**

It-Tnejn, 5 ta' Mejju 2025

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fis-2.33 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu u Kap tal-Kamra l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol l-Onor. Byron Camilleri, il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia, il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 12 li saret fit-13 ta' Jannar 2025 kienu kkonfermati.

**OMBUDSPLAN 2025**

Il-Kumitat stieden lill-Ombudsman, l-Imħallef Emeritu Joseph Zammit McKeon sabiex jieħu postu mal-mejda ħalli jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu kif ukoll iwieġeb għal xi mistoqsijiet jew osservazzjonijiet li jsirulu fuq l-Ombudsplan 2025 li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 259 tas-7 ta' Ottubru 2024.

Il-Membri tal-Kumitat ħadu sehem fid-diskussjoni billi għamlu mistoqsijiet lill-Ombudsman dwar punti li ħarġu mill-preżentazzjoni tiegħu.

Wara li l-Ombudsman wieġeb il-mistoqsijiet magħmula lilu, il-Kumitat qabel li jirrakkomanda lill-Parlament l-approvazzjoni tal-Ombudsplan 2025. L-Ispeaker informa lill-Kumitat li huwa kien se jiċċirkola t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa lill-Membri Parlamentari kollha sabiex sussegwentement titressaq fil-Kamra l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Estimi tal-Uffiċċju tal-Ombudsman għas-sena 2025 skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(4) tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385).

L-Ispeaker irringrazzja lill-Ombudsplan tal-preżentazzjoni tiegħu u talbu jirtira mill-Kumitat.

**ESTIMI TAL-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA GĦAS-SENA 2025**

Il-Kumitat stieden lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, l-Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, sabiex jieħu postu mal-mejda ħalli jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu kif ukoll iwieġeb għal

xi mistoqsijiet jew osservazzjonijiet li jsirulu fuq l-Estimi tal-Uffiċċju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-sena 2025 li tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 259 tas-7 ta' Ottubru 2024.

Il-Membri tal-Kumitat ħadu sehem fid-diskussjoni billi għamlu mistoqsijiet lill-Kummissarju dwar punti li ħarġu mill-preżentazzjoni tiegħu.

Il-Kumitat qabel li jirrakkomanda lill-Parlament l-approvazzjoni tal-Estimi tal-Uffiċċju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-Sena 2025. L-Ispeaker informa lill-Kumitat li huwa kien se jiċċirkola t-traskrizzjoni ta' din laqgħa lill-Membri Parlamentari kollha sabiex sussegwentement titressaq fil-Kamra l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Estimi tal-Uffiċċju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-Sena 2025 skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(4) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570).

L-Ispeaker irringrazzja lill-Kummissarju tal-preżentazzjoni tiegħu u talbu jirtira mill-Kumitat.

## XOGĦOL TAL-KAMRA

Il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia informat lill-Kumitat li kif kienet iddiskutiet mal-Whip tal-Oppożizzjoni, il-ħsieb tal-Gvern kien li fis-seduti li jmiss jiġu diskussi l-estimi tal-awtoritajiet li kienu tqiegħdu jew waslu biex jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

Ma' dawn kien hemm il-ħsieb li possibiliment dik il-ġimgħa titftaħ id-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jipprovdi għal qafas regolatorju għal stewards tas-sigurtà f'postijiet tal-isports, kif ukoll għal kwestjonijiet oħra konnessi ma' jew ancillari għalihom (*Abbozz 129*).

Fil-ġimgħa ta' wara l-Kamra għandha tiddiskuti l-Mozzjoni biex jitħassar l-Avviż Legali 47 tal-2025 – Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (*Mozzjoni 343*), li għandha tiġi kkunsidrata mill-Kamra sal-20 ta' Mejju 2025 skont l-Att dwar l-Interpretazzjoni.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma li kien sar dan l-abbokkament.

## XOGĦOL IEĦOR

### Aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti

L-Onor. Robert Cutajar fakkar dwar il-ħidma li kellha tibda sabiex ikun hemm ta' aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti. Huwa kkonferma li l-Membri min-naħa tal-Oppożozzjoni kienu l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, l-Onor. Karol Aquilina u huwa stess. L-Onor. Naomi Cachia rrimarkat illi kienet ser tara li jiġi nominat Membru ieħor min-naħa tal-Gvern ladarba l-Oppożizzjoni kienet qiegħda tinnomina tliet Membri.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, stieden liż-żewġ Whips biex il-grupp jibda jiltaqa'.

Il-Kumitat iddiskuta wkoll il-proċedura tat-twaqqif ta' kumitati parlamentari ġodda oħra, u l-Onor. Cachia għamlet referenza wkoll għall-causcus tal-parlamentari nisa li l-Gvern kellu impenn li jwaqqaf matul il-leġiżlatura kurrenti.

### Kondoljanzi

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kien hemm qbil li l-kondoljanzi fil-Kamra fir-rigward tal-Eks Membru Parlamentari Dott. Francis Zammit Dimech, li kien ġie nieqes fil-21 ta' April, meta l-Parlament kien wieqaf għall-ferjat tal-Għid, ser isiru fis-seduta ta' dakinhar.

**Fondazzjoni Parlament ta’ Malta**

L-Ispeaker għamel referenza għall-kont bankarju tal-Fondazzjoni Parlament ta’ Malta, imwaqqfa fl-2012, li b’deċiżjoni tal-istess kumitat jintuża biex fih jiġu depożitati l-penali li jħallsu Membri Parlamentari meta assenti mill-Parlament. Huwa żied li għal raġunijiet ta’ kontabilità mal-Bank hemm bżonn li jiġu aġġornati d-dettalji tal-membri tal-Fondazzjoni, li skont istatut ikunu l-membri tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, u li għalhekk kien ser javviċina l-Membri sabiex tinġabar l-informazzjoni neċessarja.

**Rappreżentant tal-Parlament Malti fi Brussell**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li mil-laqgħa li għaddiet kienet ġiet ċirkolata sejħa għal-applikazzjonijiet fost l-impjegati tas-Servizz Parlamentari għall-post ta’ Rappreżentant tal Parlament Malti fi Brussell. L-unika espressjoni ta’ interess ġiet mir-Rappreżentant preżenti, is-Sur Andre Vella. Għaldaqstant huwa ppropona li s-Sur Vella jibqa’ fil-kariga sal-31 ta’ Diċembru 2025, u li sejħa għall-perjodu ta’ wara tinħareġ mhux aktar tard minn Settembru 2025.

Il-Kumitat qabel ma’ din il-proposta.

**Attivitajiet tal-Parlament**

L-Ispeaker iċċirkola lista aġġornata ta’ attivitajiet skedati li jsiru fil-Parlament fis-sena 2025.

Fit-3.22 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li kellha tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER **